

NEWSPAPER POST

# Il-Belt Victoria

*Rivista maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ • Għawdex*

*Mejju - Ġunju 2004* *Nru 138*



## *Messaġġ minn* Monsinjur Ġużeppi Farrugia

Arċipriet tal-Bażilika ta' San Ġorġ

- ▲ L-Emigranti Ġorġjani
- ▲ It-Tħejjijiet għall-Festa ta' San Ġorġ
- ▲ Tifkiriet Monumentali taċ-Ċentinarju Ġorġjan

Din id-darba nixtieq nitkellem, l-ewwelnett, b'imħabba speċjali, dwar l-emigranti tagħna, dawk li jinsabu mbegħdin minna b'distanzi ftit jew wisq kbar, iżda li jiena u l-parruċċani nħossuhom qrib ħafna u magħqudin magħna f'imħabba waħda lejn San Ġorġ.

### L-EMIGRANTI

Nhar it-Tlieta, 18 ta' Mejju, l-emigranti kienu preżenti ħafna fi ħsibijietna. Dak inhar il-komunità parrokkjali ltaqgħet biex tiftakar f'wieħed emigrant, Carmel Galea, li wara marda kiefra u twila, ħalla dan il-wied ta' dmugħ. Ridna nitolbu nitolbu b'suffraġju tiegħu. Bħal bosta emigranti Ġorġjani, dan il-ħabib tagħna kien ilu bosta snin joqgħod f'art imbiegħda fejn, flimkien ma' martu, ħadem bis-sħiħ, rabba' l-familja u kien attiv fil-komunità lokali tiegħu. Iżda qatt ma nqata' minn fostna. Imwieled u mrobbi bħala iben il-Parroċċa ta' San Ġorġ, minkejja li siefer, bqa' xorta marbut magħha u kien ta' sikwit jiġi fostna.

Matul il-marda li ħakmitu, ħbiebu u ex-emigranti bħalu li jinsabu f'Għawdex baqgħu f'kuntatt miegħu u jiena wkoll, minn mindu neputih, Dun Tonio Galea, kien qalli bil-marda tiegħu, għamilt ħilti sabiex inżomm kuntatt mal-familja tiegħu. Jiena naf li dan kien apprezzat ħafna u kien apprezzat ukoll it-talb li sar għalih u għall-familjari tiegħu.

Fid-dawl ta' dan, il-konċelebrazzjoni "funebri" li għamilna għal ruħu kienet "dmir". Għalina kien bħallikieku fostna, u ħassejna ħafna il-preżenza spiritwali tal-familja tiegħu u ħutu u l-familji tagħhom u ħbiebom li setgħu jingħaqdu magħna fit-tifkira tiegħu u t-talb permezz tar-radju tal-komunità tagħna.

Din kienet esperjenza sabiħa li tkun ħasra jekk tibqa' limitata għal din l-okkażjoni biss u ma nifirxuhiex aktar billi noħolqu *channels* ta' kuntatti bejna u l-emigranti tagħna.

### L-ĦAMISIJIET ĠORĠJANI

Waqt li qed nitkellem dwar l-emigranti, ma nistax ma niftakarx fil-festa ta' San Ġorġ li jiġu tant emigranti għaliha u li hi dalwaqt magħna. Qisu l-bieraħ li fakkarna bl-akbar solennità t-tifkira liturġika ta' San Ġorġ, u nhar il-Ħamis, 13 ta' Mejju, bdejna d-Disa' Ħamisijiet li jwassaluna għall-festa ta' Lulju.

Kif ktibt f'messaġġ li deher f'wieħed mill-Bulletini tal-Ħadd, intenni li l-Ħamisijiet ta' San Ġorġ għandna ngħixuha bħala jiem li fihom infittxu li niġġeddu fil-grazzja. Dan nistgħu nagħmluh permezz ta' qrara tajba, sehem fil-quddiesa u tagħlim tal-virtujiet Insara fid-dawl tal-misteru ta' San Ġorġ. Fuq dan ukoll tkellimt waqt l-omelija ta' l-Ewwel Ħamis fi knisja li fiha dehret ħafna l-preżenza tal-bandisti tagħna. Għax dak inhar,



fil-quddiesa, ħadet sehem speċjali l-Banda 'La Stella' bid-daqq ta' innijiet reliġjużi.

Nieħu pjaċir niftakar fil-bandisti tas-Soċjeta' *La Stella* li jħobbu u jistinkaw tant għall-festa ta' San Ġorġ u huma dejjem disponibbli f'okkażjonijiet oħrajn bħalma huma dawk tal-festa t'April u tal-Ġimgħa l-Kbira. Kien ta' dispjaċir għal kulħadd li nhar it-23 ta' April, id-dimostrazzjoni bl-istatwa ta' San Ġorġ, li għaliha ippreparaw ukoll il-membri ta' l-Għaqda tal-l-armar bit-tiżjin fil-pjazza, ma saritx minħabba l-maltemp. Imma kulħadd ukoll għadu jiftakar fis-sehem kbir li tat il-Banda tat fil-Ġimgħa l-Kbira u fil-Kunċert tas-Sibt ta' qabel li kien imfaħħar minn kulħadd.

Nieħu din l-okkażjoni biex lill-bandisti nsemmijhom b'tifħir u nħeġġiġhom biex jaħdmu dejjem id f'id mal-Kumitat, ifittxu dejjem l-ewwel interess tal-Parroċċa Ġorġjana u jilqgħu kull sagrifi"ju b'lealta' għall-ġid ta' San Ġorġ u tal-Banda nfisha.

### MONUMENTI TAĊ-ĊENTINARJU

Fil-festa ta' San Ġorġ li riesqa, nikkonkludu l-festi kbar tas-Sbatax-

*ikompli f'paġna 3*

FESTI CENTINARJI 2003

IL-BELT VICTORIA
Rivista ta' kull Xahrejn



Uffiċċju Editorjali: Ċentru Parrokkjali San Ġorġ
Triq il-Karità, Victoria, Għawdex.
Tel: 21 55 63 77 • Fax: 21 55 69 81
email: info@stgeorge.org.mt
web: www.stgeorge.org.mt • radio: 104MHz FM

### Membri Ġodda fil-Komunità Parrokkjali

28.02.04: **OWEN,**
iben Philip Fenech u Tina neè Bagdanovic
19.03.04: **JULIA,**
bint Fabian Attard u Francene neè Farrugia
19.03.04: **JOSEPH,**
iben Fabian Attard u Francene neè Farrugia
25.03.04: **SASHA,**
bint George Mario Farrugia u Melanie neè Buhagiar
10.04.04: **SHERONA,**
bint John Mark Vella u Maria neè Grech
01.05.04: **GABRIEL,**
iben Tony Attard u Antonella neè Cutajar
09.05.04: **WILLIAM CHARLES,**
iben Terry Hemme u Lilliana neè Cassar

### Ingħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ

24.04.04: **Robert Tabone** u **Lorna Sciberras**
01.05.04: **Alfio Mifsud** u **Josephine Parnis**

### Marru Jingħaqdu ma' Kristu Rxuxtat

05.04.04: Mons. Carmelo Xuereb
28.04.04: Saverina Buhagiar
06.05.04 Carmel Galea (USA)
09.05.04: Maria Saliba

**Donazzjonijiet għar-Rivista**
Ġużeppi Galea (Nadur) Lm3

PELLEGRINAĠĠ
GĦAL LOURDES
2004
Inżuru wkoll ***Bartres, Pont D'Espagne, Luchon u Val D'Aran (Spanja)***
**Mill-Ġimgħa 23 ta' Lulju 2004**
**Sal-Ħamis 29 ta' Lulju 2004**
*Booking fl-Uffiċċju Parrokkjali*
*jew Mons Salv Borg*

# Editorjal

## NAĦSBU GĦALL-FESTA

Nhar il-Ħamis 13 ta' Mejju bdejna d-disa' Ħamisijiet bi thejjija għall-festa tal-patrun tagħna San Ġorġ li ser niċċelebraw nhar il-Ħadd 18 ta' Lulju. F'dawn il-Ħamisijiet, li f'kull wieħed minnhom ikollna quddiesa speċjali bi ħsieb dwar il-qaddis Patrun tagħna, għandna nagħmlu ħilitna biex f'xi ħin ma nonqsux li nżuru l-Parroċċa tagħna u nitolbu lil San Ġorġ jgħinna fil-ħtiġijiet spiritwali u materjali li jista' ikollna. Din it-thejjija li tibda ftit iktar minn xahrejn qabel għandha tgħinna biex nifhmu x'inhu l-veru sens tal-festa li nkunu ser niċċelebraw iktar 'l quddiem.

Fil-ħajja mgħaġġla li qed ngħixu llum mhux kulħadd ikun jista' jattendi għaċ-ċelebrazzjoni liturġika li ssir fil-għaxija f'dawn il-Ħamisijiet ta' thejjija. Pero' aħna konvinti li żgur li kull wieħed u waħda minnha jsib ħin biex iżur il-Bażilika tagħna f'xi waqt tal-ġurnata. Din id-drawwa tal-Ħamisijiet bi thejjija għall-festa hemm bżonn li ma nħalluhiex tmut. Din it-thejjija spiritwali hija ferm importanti, jekk verament irridu li ċ-ċelebrazzjoni tal-Festa ta' San Ġorġ f'Lulju tkun tagħmel sens.

Naturalment minbarra din it-thejjija spiritwali, jibdew ukoll thejjijiet oħra marbuta mall-festa. Kif tafu matul din is-sena li għaddiet komplew xogħlijiet kbar biex jitlesta l-proġett taċ-Ċentru Parrokkjali u tal-Kappella tas-Santissimu Sagrament. Żgur li fil-jiem li ġejjin din il-ħidma ser tkompli biktar intensità ħalli dak li jista' jitwettaq tal-festa jkun lest. Hawn ta' minn jrodd ħajr lill-kollaboraturi u lill-benefatturi kollha li qed jgħinu f'dan il-proġett, imma nħossu li ma nistgħux ma nsemmux lis-Sur Frank Mizzi, li nistgħu ngħidu, lejl u nhar, jum wara l-ieħor, jgħin b'kull mezz f'din l-opra kbira li l-Parroċċa tagħna, taħt id-direzzjoni ta' Mons Arċipriet dahlet għalija.

Thejjijiet oħra jibdew ukoll mill-Banda Ċittadina La Stella li f'idejja huma afdati l-feste esterni. M'hemmx dubju li kulħadd jappreżza s-sehem kbir li dejjem tat din is-Soċjeta fil-Parroċċa tagħna. Il-ħidma li jwettqu d-diversi taqsimiet fi ħdan din is-Soċjetà ma jibdewx f'dawn l-aħħar ġimgħat ta' qabel il-festa, imma jkunu ilhom sejrin għal xhur sħaħ. Din hija ħidma li kultant ma tkunx apprezzata, imma li mingħajra żgur li l-festa ma saritx festa kampjun għall-festi oħra f'Malta u Għawdex.

U għalhekk inħossu d-dmir li nappellaw lill-membri kollha tal-Komunità Parrokkjali tagħna, biex fil-waqt li nithejjew spiritwalment għall-festa u ngħinu kif nistgħu għall-festi ta' barra, meta jasal il-waqt nagħtu sehemna fil-ġbir li jsir kemm għall-festi tal-knisja kif ukoll għaċ-ċelebrazzjonijiet esterni. Iktar ma jgħaddi ż-żmien l-ispejjez qiegħdin dejjem jiżdiedu, imma aħna konvinti li l-ġenerożità tagħkom tibqa' kbira kif dejjem kienet matul is-snin.

## L-Ewwel Tqarbina u Griżma ta' l-Isqof 2004



***Is-Subien li rċevew l-Ewwel Tqarbina Nhar il-Ħadd 2 ta'Mejju 2004***

Azzopardi Christian, Azzopardi Jacob, Bezzina Michel, Borg Christopher, Borg George J., Brignoli Keith Mario, Buttigieg Robert, Camilleri Wallace, Cauchi Andrea, Cauchi Ayrton Lorenz, Cauchi George, Cauchi Jonathan, Cauchi Karl, Cauchi Manuel, Falzon Matthew, Farrugia Samuel, Galea Julian, Gambin Sylvan, Grech Anthony, Micallef Gordon, Micallef Justin, Muscat Joseph, Piscopo Simon, Portelli Oreste, Tabone Dennis, Theuma Joseph, Theuma Paul, Vella John, Xuereb Breadley.



***Il-Bniet li rċevew l-Ewwel Tqarbina nhar il-Ħadd 2 ta' Mejju 2004***

Azzopardi Maria, Azzopardi Riana, Borg Carmen, Borg Marika, Borg Noemi, Bugeja Shana, Cordina Michaela, Cutajar Josephine, Galea Nicole, Grech Clara, Grima Diane Marie, Grima Rose Marie, Haber Alessandra Jo, Leone Maria Chiara, Micallef Michaela, Rapa Marie, Scicluna Lara, Theuma Christine, Theuma Joselyn, Thornton Katrina, Zammit Elena.



***Is-Subien li rċevew il-Griżma ta' l-Isqof Nhar il-Ħadd 9 ta' Mejju 2004***

Apap Giorgio, Attard Anthony Nicholas, Attard Christian, Azzopardi Christian, Azzopardi Josef, Azzopardi Justin, Borg Adrian, Borg John Paul, Bugeja Christopher, Bugeja Ruben, Camilleri Malcolm George, Cassar Kurt, Mathe' Alexander, Mercieca Joseph, Mercieca Nicholas, Micallef Christopher, Muscat Andrew, Parnis Christian Paul, Portelli Christopher, Sacco Manuel, Schembri Renzo, Tabone Daniel, Vassallo Steve, Vella Andrea, Zammit Mark Lawrence, Zammit Matthew.



***Il-Bniet li rċevew il-Griżma ta' l-Isqof Nhar il-Ħadd 9 ta' Mejju 2004***

Attard Manuela, Bonnici Ariann, Bosios Jorje Marie, Bugeja Manuela, Buttigieg Georgene, Camilleri Francesca, Camilleri Julia, Cremona Maria, Farrugia Gabriella, Formosa Genise, Livori Nicolette, Mercieca Raisa Georgina, Piscopo Sacha, Saliba Annabelle, Saliba Mariella, Sultana Diane, Tabone Marielise, Xuereb Emma.

*Jaqbad mill-paġna ta' quddiem*

## Messaġġ ta' l-Arċipriet

il Ċentinarju mill-martirju ta' San Ġorġ li seħħ fis-sena 303 wara Kristu. Se jkollna diversi inizjattivi straordinarji u, hawnhekk, irrid insemmi tlieta minnhom. Dawn se jkunu prinċipalment tlieta.

L-ewwelnett għandna l-inawgurazzjoni ta' Bibien tal-Bronż għall-faċċata tal-Bażilika. L-inizjattiva oriġinali ta' din l-opra kienet ittieħdet fis-sena 1998 f'rabta mal-Ġulew il-Kbir ta' l-Inkarnazzjoni ċċelebrajna fis-sena 2000. Iżda biż-żmien intbaħna li kellna nassoċjawh ukoll mas-Sbatax-il Ċentinarju tal-Mewt Glorjuża ta' San Ġorġ. Għalhekk it-tema tiegħu hi primarjament ta' "Kristu, Il-bierah, Illum, Dejjem" u magħha, tal-Protettur ta' Għawdex - "San Ġorġ, Martri tal-Kristu, Ilbierah, Illum, Dejjem". L-artist kommisjonat għal din l-opra huwa John Grima, żagħżugħ li hu diġa' magħruf bil-bosta u b'din l-opra se jissokta jikber fil-profil internazzjonali tiegħu.

Imbagħad għandna t-Twaqqif ta' Monument f'ġieħ il-mibki u meqjum Isqof Ġużeppi Pace li mexxa d-djoċesi tagħna fi żminijiet mill-aktar diffiċli u li hu iben il-Parroċċa tagħna. L-inizjattiva għal dan il-monument kienet ittieħdet fi żmien l-arċipretura ta' Mons Salv Borg u issa se sseħħ bi pjaċir ta' kulħadd. Dan il-monument artistiku aktarx li se jkun jikkostitwixxi l-aħħar opra kbira ta' l-iskultur mill-aktar magħruf Ċensu Apap, li miet ftit tax-xhur ilu.

Għandna wkoll il-proġett ta' żewġ skrizzjonijiet fl-irħam li se jitqiegħdu fuq Iż-żewġ nahat tal-faċċata l-antika ta' San Ġorġ, waħda b'tifkira tas-Sena Mqaddsa ta' l-1450 f'rabta ma' dik tas-sena 2000, u l-oħra tas-Sena Ċentenarja ta' l-2003.

Se jkollna, s'intendi, tifkiriet oħra marbuta mar-rikorrenza taċ-Ċentinarju Ġorġjan, fosthom dik tal-ktieb monumentali ta' studji dwar San Ġorġ li qed joħroġ fuljett fuljett sakemm jissawwar f'volum mill-isbaħ u mill-aktar utli għal min jixtieq ikun jaf aktar lil dan il-Qaddis li tant inħobbu.

Waqt li t-tħejjijiet għall-festa li ġejja issa qegħdin fl-aqwa tagħhom... Waqt li nawgura lil dawk kollha li qed jaħdmu b'tant ħeġġa għas-suċċess tal-festi esterni, tal-Festival Internazzjonali 'Ġorġjan" u ta' l-inizjattivi l-oħra kulturali li qed isiru... inħeġġeġ il-Ġorġjani kollha sabiex jipparteċipaw f'din it-tħejjija b'ħajja dejjem aktar Nisranija u bil-ġenerożità ta' dawk li verament Ihobu lil San Ġorġ u jġibu 'l quddiem id-devozzjoni lejh.

*L-Arċipriet*

# Iż-Żgħażagħ "23four" f'Tas-Sliema

*Francesco Pio Attard*

Il-Knisja f'Għawdex dejjem sabet problema kbira biex tilħaq il-maġġoranza taż-żgħażagħ tagħna. Dan ġej mill-fatt li l-biċċa l-kbira tagħhom matul il-ġimgħa jkunu Malta, fejn jistudjaw fl-università jew sabu xi xogħol. Fil-*weekends* iż-żgħażagħ ikunu għajjenin, u barra li jkollhom ix-xogħol u l-istudju, il-ħin tal-mistrieħ u rikreazzjoni tagħhom ħafna minnhom jippreferu jgħadduh f'xi diskow jew jaraw xi film. Allura, mad-diffikulta' dejjem eżistenti (u universali) dwar b'liema lingwaġġ trid titkellem maż-żgħażagħ, il-Knisja Għawdxija qed issibha iżjed bi tqila biex tkun preżenti fost iż-żgħażagħ Għawdxin minħabba li ma tantx tista' tkun qrib tagħhom fil-parti l-kbira tal-ħin tagħhom.

Il-parroċċa ta' San Ġorġ dejjem ġiet iddefinita bħala "parroċċa żagħżugħa". Filfatt, jekk toqgħod tinnota, il-biċċa l-kbira ta' l-inizjattivi li jittieħdu fil-parroċċa joriġinaw jew jitwettqu miż-żgħażagħ. Ħafna mill-għaqdiet u gruppi li jiltaqgħu kemm fil-bini parrokkjali u kemm madwaru, jikkonsistu f'żgħażagħ. L-element żagħżugħ hu wkoll preżenti fl-istruttura organizzattiva u amministrattiva tal-parroċċa, fil-kumitati ta' l-ippjanar u fl-attività ta' l-uffiċċju parrokkjali. Imma l-parroċċa ta' San Ġorġ, bħal kull parroċċa oħra, għandha l-grupp taż-żgħażagħ tagħha, il-grupp *23four*. L-isfidi huma kbar u d-diffikultajiet ma jieqfu qatt. Kważi kważi l-ikbar sfida hi kif iżżomm il-grupp ħaj. Minħabba ċ-ċirkustanzi li diġa semmejt qabel, dan il-grupp issa nfetaħ anki għall-adoloxxenti, li għadhom jistudjaw Għawdex u allura jistgħu jkunu iżjed preżenti fil-parroċċa. Laqgħa ta' kull ġimgħa ma ssirx, kif idealment hu maħsub. Saru diversi tentattivi fil-passat, u laqgħat oħra simili jsiru. Imma ż-żgħażagħ tal-parroċċa, iktar jiltaqgħu f'xi attività annwali li ssir apposta għalihom, bħal-laqgħa kbira li ssir fil-ġimgħa tal-festa. Barra minn hekk isiru laqgħat għaż-żgħażagħ fuq livell djoċesan; fl-opinjoni tiegħi dawn għandhom qabelxejn jinbnew fuq preżenza tanġibbli ta' grupp taż-żgħażagħ f'kull parroċċa. Veru li dan hu ftit idealistiku żżejjed, imma jekk ma nibdewx minn hemm, għalxejn nagħmlu l-laqgħat djoċesani.

Il-quddiesa tas-Sibt filgħaxija (fis-7.00pm) hi waħda mill-elementi li qed iżommu lill-grupp taż-żgħażagħ ħaj. Għalkemm fiha ma jattendux iż-żgħażagħ kollha tal-parroċċa, imma hi quddiesa organizzata miż-żgħażagħ u miftuħa għal kulħadd. Issa ilha ssir għal dawn l-aħħar sentejn. Hawnhekk ta' min ifaħħar l-isforz kbir li qed isir mill-*band* tal-grupp *23four*, immexxija minn Richard Grech, illi minn Sibt għall-ieħor tkun preżenti biex tanima l-quddiesa. Hi xewqa kbira tagħna lkoll li naraw iżjed żgħażagħ għal din il-quddiesa, mhux biss biex l-isforz hiereġ mill-qalb ta' dawn iż-żgħażagħ li jdoqqu u jkantaw jiġi ppremjat, imma wkoll biex ta' l-inqas din il-quddiesa "speċjali" tkun tassew okkażjoni ta' kull ġimgħa li tgħaqqad flimkien u ma' Ġesù liż-żgħażagħ tal-parroċċa. Komunità vera tfittex li tiltaqa' spiss, u dan tagħmlu madwar l-għassies tagħha, il-Mulej. Fih, iż-żgħażagħ ta' kull żmien ukoll isibu żagħżugħ li jista' jifhimhom. Din hi forsi xewqa li qatt ma tista' titwettaq sakemm iż-żgħażagħ tagħna jibqgħu fis-sitwazzjoni li qegħdin fiha, u żgur titlob ħafna impenn min-naħa tagħhom. Min-naħa tagħna jeħtieġ ukoll li nħejju ċelebrazzjoni vera ta' l-Ewkaristija, mhux biss b'daqq u kant eċċezzjonali (li diġa qed isir tajjeb ħafna!), imma wkoll b'liturġija ħajja u attiva, li ġġegħlek tieħu sehem veru fil-quddiesa.

Xi ġimgħat ilu ġew iżuru l-parroċċa tagħna ż-żgħażagħ tal-parroċċa ta' Ġesù Nazzarenu, f'Tas-Sliema. Dawn ukoll kull nhar ta' Ħadd filgħaxija jiltaqgħu fil-parroċċa tagħhom biex jiċċelebraw il-Kelma u l-Ewkaristija ta' Jum il-Mulej. Il-quddiesa titmexxa minn patri Charles Tabone op, li jieħu ħsieb il-grupp. Il-grupp stieden ruħu b'idejh f'San Ġorġ waqt li inzerta Għawdex għal xi ġranet, u aħna lqajnieh b'qalb kbira kif imdorrijin nagħmlu. Issa huma rreċiprokaw lura bi stedina lill-grupp tagħna sabiex janima quddiesa tagħhom ta' nhar ta' Ħadd fis-7.00pm. Nista' ngħid li l-grupp tagħna pprepara ħafna għal dan l-avveniment. Saru diversi provi tal-kant. Ħadmu ħafna b'mod partikulari Michael Formosa u Richard Grech, it-tnejn diriġenti attivi tal-grupp.



Nhar il-Ħadd 21 ta' Marzu 2004 tlajna Malta. Barra l-grupp li kellu jdoqq u jkanta, ġew magħna wkoll xi żgħażagħ oħra, fosthom membri tal-grupp tal-vokazzjonijiet tal-parroċċa tagħna. Kellna rispons tajjeb ħafna, għax konna b'kollox

*ikompli f'paġna 6*



# L-ISPIRTU S-SANTU
## Il-Ħajja tan-Nisrani

(Mill-Ktieb "Ejja Spirtu Qaddis" ta' P. Elija Vella OFMConv.)

Darba Alla ħa 'l-Profeta Eżekjel fuq irdum u wrieh wied miżgħud bil-għadam. Għadam kollu niexef qoxqox.U l-Mulej qallu: *"O bniedem, jista' dan l-għadam jerġa' jieħu l-ħajja?"* Eżekjel wieġeb: "*Dan inti tafu Mulej*". Imbagħad qallu jħabbar lil dak l-għadam: "*O għadam niexef, isma' l-Kelma tal-Mulej.. Ara jien sa nġib fik ir-ruħ, inti terġa' tgħix*" (Eżek. 37:1-10).

Ir-ruħ li terġa' tagħti l-ħajja lil dak l-għadam niexef hija l-Ispiritu s-Santu.

Meta Ġesù tkellem ma' Nikodemu, wara li dan staqsieh x'kien meħtieġ biex jikseb is-saltna, Ġesù wieġbu: "*Jekk wieħed ma jitwelidx mill-ilma u l-Ispirtu, ma jistax jidħol fis-Saltna ta' Alla*" (Ġw 3:5).

Ġesù kien jitkellem b'entużjażmu dwar il-miġja ta' l-Ispirtu fuqna: "*Jaqblilkom li jiena mmur, għaliex jekk ma mmurx id-Difensur ma jiġix għandkom; imma jekk immur nibgħatulkom*" (Ġw 16:7).

Imma għaliex l-Ispirtu s-Santu hu hekk meħtieġ fil-ħajja tan-Nisrani?

Għaliex mingħajru mhux possibbli ngħixu u npoġġu fil-prattika dak li Ġesù jgħallimna.

Il-Vanġelu ta' Ġesù hu sabiħ u eċċellenti. Imma min qatt jista' jgħixu bil-ħila tiegħu biss?

Ġesù dan jafu. Hu għalhekk li wegħedna l-Ispirtu Qaddis, biex ikun hu li jagħtina l-enerġija meħtieġa, ħalli npoġġu fil-prattika d-duttrina ta' Ġesù.

"*Imma d-Difensur, l-Ispirtu s-Santu, li l-Missier jibgħat f'ismi, jgħallimkom kollox u jfakkarkom dak kollu li għidtilkom*" (Ġw 14:26).

Mhux biss: neħtiġuh ukoll biex jipproteġina u jiddefendina, speċjalment kontra l-għadu li jipprova jfixkilna. Għalhekk insejħulu PARAKLITU, jiġifieri Avukat, Difensur.

"*Tinkwetawx ruħkom kif sa titkellmu jew x'sa tgħidu.. għax mhux intom tkunu li titkellmu, imma l-Ispirtu ta' Missierkom ikun qiegħed jitkellem permezz tagħkom*" (Mt 10: 19-20).

Darba San Pawl iltaqa' ma tnax-il raġel f'Efesu, u staqsiehom: "*Ħadtu intom l-Ispirtu s-Santu meta emmintu?*" Imma dawk qalulu li lanqas biss jafu min hu (ara Atti 19:1-7).

Int bil-magħmudija rċevejtu l-Ispirtu, imma.. taf min hu? Qed tħallih jaħdem ġo fik? Għalik it-tweġiba.

Il-ħajja tan-Nisrani hija mmexxija mit-tliet Persuni tat-Trinità

Il-Missier.. iħobbni.

L-Iben.. isalvani u jfejjaqni.

L-Ispirtu s-Santu.. iqawwini.

Is-Santi Padri ta' l-Orjent isejħulu: Enerġija. Hu l-enerġija li neħtieġu fil-mixja spiritwali tagħna.

Mhux biżżejjed ikollok par għajnejn biex tara. Imqar katavru għandu par għajnejn, imma ma jarax.

Mhux biżżejjed naċċetta l-Vanġelu ta' Kristu u ngħid li għandi rieda tajba biex nossevah. M'għandix qawwa biex nagħmlu dan. Ma jirnexxilix. Hu għalhekk li Ġesù wegħedna l-Ispirtu s-Santu.

Mela l-Ispirtu s-Santu huwa qabel kollox l-akbar rigal tal-Missier. Hu l-akbar rigal, flimkien mar-rigal ta' Ġesù li ntbagħat biex jifdina u hu r-rigal ta' l-istess Missier li għażilna bħala wlied adottivi.

il-Knisja minn dejjem emmnet fil-qawwa ta' l-Ispirtu, imma kienu l-Ortodossi li nbuttawna biex nagħrfu li l-Ispirtu għandu jkun esperjenza ħajja f'ħajjitna. Bħala osservaturi fil-Konċilju ġabuna iżjed s'sensina dwar dan. Fuq insistenza tagħhom wara l-Komċilju l-Knisja tatna t-Tielet Kanoni tal-quddiesa, fejn jissemma għal diversi drabi l-Ispirtu s-Santu.

Il-missjoni ta' l-Ispirtu s-Santu hija dik li jmexxina lejn Ġesù u lejn l-esperjenza ħajja ta' Ġesù f'ħajjitna.

Wieħed ma jridx jinsa li l-Ispirtu li jgħammar fina hu l-istess li kellu Ġesù. "*Hu jagħtina glorja, għaliex jieħu minn dak li hu tiegħi u jħabbru lilkom*" (Ġw 16:14).

Is-Santi Padri ta' l-Orjent jagħmlu ossevazzjoni f'waqtha. Jgħidulna li kulmeta nitolbu xi ħaġa lill-Missier, dan dejjem jismagħna, imma mhux dejjem jagħtina dik il-ħaġa speċifika li nitolbuh, għax din ma tkunx dejjem fil-pjan tiegħu.

*ikompli f'paġna 6*

Jaqbad minn paġna 4

## Iż-Żgħażagħ "23four" f'Tas-Sliema

grupp ta' xi tletin ruħ. Hemm innutajt ukoll xi membri oħra tal-parroċċa tagħna li għażlu li jiġu Malta għal din il-quddiesa. Il-preparazzjoni ta' l-apparat kollu fil-knisja tan-Nazzarenu bdiet kmieni. Il-*band* tagħna għandha apparat sofistikat u tajjeb ħafna, li jpoġġi f'armonija tajba ħafna l-istrumenti li tuża. Tajjeb li lkoll napprezzaw u nkunu konxji ta' dan.

Min jaf jew xi darba attenda għall-quddiesa taż-żgħażagħ li ssir fil-knisja tan-Nazzarenu, Tas-Sliema, jaf li din kull nhar ta' Ħadd tkun ippakkjata sa ruħ ommha! Diversi ħbieb tiegħi jgħiduli li jattendu għaliha. Ma jkun fiha xejn ta' barra minn hawn, hin l-istess, u l-liturġija ma tinbidilx. Imma tkun tassew ċelebrazzjoni ħajja, animata b'kant sabiħ u adattat, imma fuq kollox bil-Kelma ta' Alla tieħu l-post ċentrali. Knisja mimlija, imma siekta, attenta, u parteċipanti fil-misteru. Naħseb li għandha tkun eżempju għall-quddies tagħna, li fl-opinjoni tiegħi, irid jikber fil-kwalità iktar milli fil-kwantità. Fr Charles introduċa l-grupp tagħna. Xi ħaġa sabiħa li nnutajt kienet l-enfasi li hu għamel biex iż-żgħażagħ fil-knisja jkantaw, u qabel il-quddiesa kellhom huma wkoll jitgħallmu l-kant tagħna, li kien hemm minnu li kien ġdid għalihom. (Dan grazzi wkoll għall-fuljetti preżentabbli mhux ftit li ħa ħsieb jipprepara Michael Formosa). Fil-quddiesa tagħna tas-Sibt li nagħmlu fil-parroċċa tagħna xi drabi ninnota li l-*band* tagħna iktar tkun tagħmel *show* sabiħa milli tħajjar lil dawk preżenti jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni. Dan hu ħtija wkoll ta' mentalità ta' "spettaturi" li ħallejna tidħol fil-quddies tagħna.

Fi ftit kliem, il-quddiesa f'Tas-Sliema kienet esperjenza sabiħa u li għallmitna ħafna. Għaż-żgħażagħ tagħna kien mument sabiħ u ta' inkuraġġiment qawwi. Nhar il-Ħadd 4 ta' April 2004 iltqajna fil-kunvent ta' l-Agostinjani, ir-Rabat, fejn qsamna flimkien dak li bħala grupp esperjenzajna f'Tas-Sliema. Nieħdu gost naraw l-isforzi tagħna apprezzati, u tlajna Malta nirrappreżentaw il-parroċċa sħiħa. Għalija personali ħassejt li kien mument ta' faraġ kbir u esperjenza oħra qawwija ta' fidi. Iż-żgħażagħ tagħna għadhom f'tiftixa għall-verità, u m'hu xejn veru li ma jridux li jsiru jafu lil Kristu. Biss hu importanti li Kristu jiġi ppreżentat lilhom dejjem ġdid u attwali, kif tassew hu, biex hekk jagħrfu kemm verament il-persuna tiegħu tappella għalihom illum iktar minn qatt qabel. Din il-quddiesa kienet kuraġġ għall-grupp taż-żgħażagħ tagħna biex jibqa' miexi 'l quddiem, ma jaqtax qalbu, minkejja d-diffikultajiet. L-isfidi rridu nirbħuhom u mhux naħarbuhom. Kienet ukoll eżempju għalina biex nithabtu ħalli l-quddies tagħna nibdluh tassew f'laqgħa ħajja mal-Mulej u ċelebrazzjoni ta' ferħ. Dan jiġi billi nfittxu li npoġġu lilu fiċ-ċentru, qabel l-interessi u l-aspirazzjonijiet tagħna.

Hekk biss inkunu nistgħu verament ngħidu li San Ġorġ hu "parroċċa żagħżugħa".

Jaqbad minn paġna 4

## L-ISPIRTU S-SANTU *Il-Ħajja tan-Nisrani*

Imma hemm talba li l-Missier mhux biss jismagħha, imma wkoll jagħtina dak li speċifikament nitolbu permezz tagħha, u dan meta nitolbu biex l-Ispirtu s-Santu jinżel fina, skond il-kliem ta' Kristu nnifsu: "*Jekk intom.. tafu tagħtu lil uliedkom ħwejjeġ tajba, kemm aktar il-Missier mis-smewwiet jagħti spirtu qaddis lil dawk li jitolbuhulu!*" (Lq 11:13).

Jekk inhu hekk, x'qed tistenna li titlob lill-Missier jibgħat fik Spirtu ġdid?

Il-missjoni tiegħu hi li jikkomunika lil Kristu u joffrihulna bħala l-uniku ħellies.

Riżultat tal-missjoni tiegħu fostna huma, ngħidu aħna: l-eluf ta' martri li taw ħajjithom għal Kristu; l-eluf ta' missjunarji, saċerdoti, reliġjużi u lajċi, li jagħtu ħinhom u l-enerġija tagħhom għall-evanġelizzazzjoni; l-eluf ta' reliġjużi li jingħalqu fil-kunventi u l-monasteri biex jgħixu ħajja Iżjed perfetta; il-mixja tal-Knisja, dejjem ippersegwitata, imma qatt għajjiena; l-istess maġisteru tal-Knisja "Omm u Għalliema".

## GĦAXAR AFFARIJIET LI ALLA MA JISTAQSIX

1. Alla ma jistaqsikx x'tip ta' karozza kellek, imma kemm-il darba għint lil min ma kellux trasport.
2. Alla ma jistaqsikx kemm hi kbira darek, imma kemm ilqajt bil-ferħ nies fija.
3. Alla ma jistaqsikx kemm ħwejjeġ għandek fil-gwardarobba, immma kemm kont ta' għajnuna lil min m'għandux x'jilbes.
4. Alla ma jistaqsikx kemm salarju kellek, imma jekk kienx ħaqqulek jew le.
5. Allla ma jistaqsikx x'kien ix-xogħol tiegħek, imma jekk fuq ix-xogħol kontx taqdi dmirek sew.
6. Alla ma jstaqsikx kemm kellek ħbieb, imma kemm int kont ħabib ta' oħrajn.
7. Alla ma jisaqsikx fejn kont toqgħod, imma kif kont iġġib ruħek mal-ġirien.
8. Alla ma jistaqsikx x'kulur ta' ġilda għandek, imma x'tip ta' valuri tħaddan.
9. Alla ma jistaqsikx kemm domt biex għaraftu, imma b'imħabba idaħħlek fil-ġenna u mhux fl-infern.
10. Alla ma jistaqsikx lil kemm nies għaddejt dan it-tagħlim, imma jekk sthajtx tgħaddih lil ħbiebek.

## *SIB IL-ĦIN...*

Sib ħin biex taħseb: b'hekk iġġib is-saħħa.
Sib ħin biex tilgħab: b'hekk tibqa' żagħżugħ.
Sib ħin biex taqra: b'hekk takkwista l-għerf.
Sib ħin biex titlob: b'hekk ikollok l-ikbar qawwa.
Sib ħin biex tħobb u tkun maħbub: dan hu privileġġ mogħti minn Alla.
Sib ħin biex tidħaq: dan huwa il-ferħ tar-ruħ.
Sib ħin biex tagħti: il-jum qasir wisq biex tkun egoist.
Sib ħin biex taħdem: dan hu l-prezz tas-suċċess.

FESTI CENTINARJI 2003

# ROKNA GĦAT-TFAL

Kif intom, għeżież tfal?

Nittama li tinsabu tajbin! Issa riesaq iż-żmien tal-prova, iż-żmien ta' l-eżami ta' l-aħħar tas-sena. Ħafna minnkom għamlu l-eżami għal Junior Lyceum. Nittama li mortu tajjeb. Oħrajn qed jaħsbu għal eżami li jrid jiddeċiedi f'liema klassi se jsibu ruħhom wara l-btajjel tas-sajf: Alla ħares issa li għomtu l-bajja kollha, tegħrqu fil-port! Komplu stinkaw sa l-aħħar. jien ċert li matul is-sena għamiltu dmirkom sew u allura tħarsu b'kuraġġ lejn dawn l-aħħar jiem tas-sena skolastika. Il-Proverbju tafuh daqsi: "Li tiżra' taħsad". U jekk matul is-sena ma tliftux żmien, imma studjajtu u tħabattu, il-premju teħduh żgur.

In-nofs ta' nhari magħna wkoll. Issa tibda s-sħana u għalhekk, wara nofs in-nhar, l-iskola tibqa' magħluqa għalkemm naf li xi wħud minnkom ikollhom xi siegħa privat. "Kull laqxa tirfed l-imramma" u fejn tassew ikun hemm bżonn xi ftit għajnuna, din ma tagħmilx ħsara. Imma mportanti li ssibu xi ftit ħin biex tistrieħu u tiddevertu.

Matul il-jiem li għaddew kont preżenti għal xi żewġ "parties" tal-Preċett u tal-Griżma. Ħadt gost; Iżda tinsewx! Dawn jgħaddu; l-importanti li nibqgħu ngħożżu dawn Iż-żewġ sagramenti. Agħmlu l-almu tagħkom biex ma titilfux tqarbina għal xejn b'xejn. U kunu veru xhieda ta' Kristu kull fejn tmorru. Il-ġurnata li fiha rċevejtu l-Ewwel Tqarbina m'għandkom tinsewha qatt. U l-istess ngħid lil dawk li rċevew l-Griżma ta' l-Isqof. Naħseb li bħal dan iż-żmien jkun Isqof ieħor li jkun magħna għal dawn iż-żewġ sagramenti!

Intant, issa nibdew ukoll il-festi. L-ewwel festa teħodna l-Munxar fejn infakkru lil Missierna San Pawl u mbagħad, Ħadd wara Ħadd nibdew sensiela sħiħa ta' festi u tifkiriet sbieħ. agħna taħbat dejjem matul it-tielet ġimgħa ta' Lulju. Ejje mela nitħejjew sewwa sa ma l-festa tilħaq il-qofol tagħha l-Ħadd 18 ta' Lulju. Eżatt il-Ħadd ta' qabel il-Parroċċa tagħna sa tilqa' fi ħdanha saċerdot ġdid. Nitolbu għalih u għall-vokazzjonijiet, biex il-merħla tagħna ma tibqa' nieqsa qatt minn għadd sabiħ ta' ħaddiema fil-għaqa tal-Mulej.

Intant, mill-ġdid insellmilkom u nittama li nerġgħu niltaqgħu mill-ġdid f'din il-paġna fi żmien qasir. U issa ngħaddu għall-kompetizzjoni li tista' trebbaħkom ktieb sabiħ bil-Malti ġentilment mogħti mill-Klabb Kotba Maltin, fergħa t'Għawdex. Tel 2155 1325.

Ibgħatu t-tweġibiet tagħkom lill-*Editur, Il-Belt Victoria, Parroċċa San Ġorġ, Victoria, Għawdex* sa mhux iktar tard minn nhar il-*Ġimgħa 25 ta' Ġunju 2004.*

**Mistoqsijiet:**

1. Din is-sena, meta ser taħbat il-Festa ta' San Ġorġ?
2. Fi Pjazza San Ġorġ, ta' kull sena fi żmien il-festa, eżatt quddiem il-faċċata tal-Knisja, ikun hemm żewġ statwi. Lil min jirrapprżentaw?
3. X'jisimha l-Banda li matul dawn l-aħħar snin, lejlet il-feta fil-għaxija ddoqq xi Pjazza San Ġorġ u wara mal-Banda La Stella tieħu sehem f'marċ kbir?
4. Min hu l-iskultur ta' l-istatwa ta' San Ġorġ li l-Ġimgħa fil-għaxija wara dimostrazzjoni kbira, tittellgħa fuq il-pedestal fi Pjazza Indipendenza?

Tislijiet lil kulħadd
***Iz-Ziju Peppi***

# Lil Ċisju "tal-Patri"

*(F'jum il-laqgħa tiegħu mal-Mulej)*

Ħallejtna, Ċis, bħall-Erbgħa fost il-ġimgħa,
u bqajna mbellħa nħarsu lejn xulxin,
ma ħmiltx fid-dinja tibqa' qalb il-ħama,
'mma ridt fil-Ġenna tgħix mal-qaddisin.

Is-Sibt tlettax ta' Marzu ġejt sa fejnek,
raħħamtli biex fit-talb niftakar fik,
bħal min iħoss il-mewt tinsab qrib tiegħu,
u wegħ'dtek li qatt m'jiena ser ninsik.

Issa s-separju niżel u d-dramm spiċċa,
hekk kif uliedek għadhom jibku 'l ommhom;
u jafu sew li int minn dik il-għodwa
ħdimt bla mistrieħ sabiex fil-ferħ iżżommhom.

Tiftakar, Ċis, kemm ħin flimkien għaddejna
ilkoll fuq ftit kafe' nitkellmu miegħek
u botti lil xulxin nitfgħu biex nidħku
imrekkna mill-irjieħ fil-ħanut tiegħek!

Lil Ġorġi ħabbejt sħiħ għax għext ma' ġenbu
u hekk għallmuk bis-sew sa minn ċkunitek;
trabbejt taħt id-dell sfieq tad-dwejra tiegħu
biex hemm għaddejt il-ħajja ta' tfulitek.

U kbirt u bqajt iżżuru ma' kull għodwa
fejn hu jinsab miżmun fin-niċċa tiegħu:
illum qed jistenniek b'dirgħajh miftuħa
biex fuq ix-xwiek b'imħabba jgħannqek miegħu.

Mulej, kull tjieba w ħniena minnek jiġu!
Għalhekk lil Anthony, Frankie w Mike-George tiegħek
titlifhom qatt minn ħarstek il-ħanina,
'mma t-tlieta żommhom biss magħquda miegħek.

Ċis, issa li tinsab flimkien ma' martek
tpatti għax-xogħ'l li ħdimt fil-ferħ tal-Ġenna,
tinsa lil ħadd minn dawk li ħabbewk f'ħajtek,
'mma ftakar biss li magħhom għad tiħenna!

***Kan. Joe Mejlak***
13.03.2004

# 5 snin ta' *Leħen il-Belt Victoria* Ir-Radju tal-Komunità Tagħna

Għadni niftakar qisu l-bieraħ. Waqt laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali l-Arċipriet semmielna li l-*Presbiterium* kien għadu kemm qabel mal-proposta li tiġi studjata l-possibilità li l-parroċċa tibda xxandar. Għalkemm esprimejna d-dubju dwar jekk kellniex ir-riżorsi meħtieġa, aħna lqajniha b'entużjasmu din l-idea (li nistgħu ngħidu oriġinat miż-żagħżugħ George Cremona - dak inhar membru tal-Kunsill). Membru ieħor (Fr Effie Masini) wera l-konvinzjoni li faċilment jibni lista ta' persuni addattati biex jagħtu sehemhom. Minn din il-laqgħa mill-ewwel intgħażlu ukoll Ġorġ Gauci u jien.

Inħoloq kumitat li fil-kompożizzjoni tiegħu juri biċ-ċar li *Leħen il-Belt Victoria* hu radju ta' kommunità - il-parroċċa. Assumejna li l-anzjani u l-morda l-iktar li se japprezzaw din il-preżenza: għall-kumpanija u biex ikunu "preżenti" waqt ċelebrazzjonijiet li impossibbli jmorru għalihom. Fil-fatt mill-ewwel intbaħna li s-semmiegħa assolutament ma humiex limitati għall-parruċċani biss. Dan japplika ukoll għall-preżentaturi - li huma minn kullimkien .

Fr Effie bena tim tekniku (li fih baqa' essenzjali Anton Farrugia) u beda jippjana skeda sempliċi għal ftit ġranet madwar il-festa ta' Lulju. Għamel il-kuntatti meħtieġa ma' l-awtoritajiet u ħaseb għall-applikazzjonijiet. Intbaħna li l-ispejjeż ma kenux se jkunu żgħar, anki jekk issellifna apparat u kulħadd kien voluntier - anzi diversi ħarġu minn buthom! Ġie deċiż li proviżorjament tintuża kamra (dik tal-gallarija fl-ewwel sular) tad-Dar tal-Parroċċa fi Pjazza San Ġorġ, li allura bdiet titranġa (u tiġi użata ukoll għal skopijiet oħra). Issa għandna s-sular kollu ta' fuq li jinkludi żewġ *studios* (li jippermettulna nirrekordjaw anki waqt li nkunu nxandru).

Lili Fr Effie tani programm: kontra qalbi għax, għalkemm ta' spiss kont mistieden fuq radjijiet nazzjonali, ma ħassejtnix addattat. Iżda mill-ewwel applikajt dawn l-esperjenzi; kont ħadt sehem f'kors immexxi minnu dwar il-Media; qrajt xi ħaġa u bnejt fuq parir li smajtu jgħid "biex tkun moħħok mistrieħ, ħejji materjal id-doppju tal-ħin li jkollok"! Nista' ngħid li kelli kooperazzjoni sħiħa u rari kienu dawk li ma aċċettawx (jew sabu xi skuża) li jipparteċipaw. Per eżempju, għamilt intervista interessanti ma' Mons Isqof il-Kurja. Iżda fil-fatt kellna lista twila ta' persunaġġi importanti u mħabbtin li ġew jew tkellmu (anki mis-safar) bit-telfon.

Bdejna fit-**3 ta' Lulju 1999**, bil-kanzunetta "*Love can build a bridge*" biex jitwassal messaġġ ċar ta' l-iskop ta' dan il-proġett. Intlaqajna tajjeb ferm; tawwalna l-ġranet (għax il-liċenzja tkun ta' xahar). Iddeċidejna li naħsbu għal erba' perijodi ta' xandir: Milied, Għid, Festa u Settembru (il-bidu tas-sena pastorali). Peress li l-ħlas kien ta' mitt lira kull darba, rajna li liċenzja sħiħa ("permanenti" li tiġġedded kull sentejn) tkun irħas, anki jekk tinvolvi impenn aqwa (peress li l-liġi timponi livell minimu ta' sigħat kull ġimgħa). Hawn l-Awtorità tax-Xandir infurmata b'intopp li ħlielna ħafna ħin u sforz biex solvejnieħ; iżda r-raġuni u l-fatti kienu t-tnejn favorina!

Wara l-arranġament li għamilna mar-radju tal-Konferenza Episkopali Taljana (*Blusat*), sibniha teknikament eħfef li nxandru kontinwament: b'almenu 4 sigħat kuljum u 14 il-Ħadd programmar tagħna. Fl-iskeda sħiħa nkunu mit-8 ta' filgħodu (jew qabel) sa l-10 ta' bil-lejl (jew wara!) Għandna xi tmenin kontributur, ta' kull età. Iżda dejjem hemm stedina miftuħa għal iktar: parteċipanti, preżentaturi, tekniċi eċċ. Issa li għandna l-lift, żgur li ħadd ma hu eskluż.

Il-programmi jinkludu xandiriet mill-Bażilka (hawn ukoll insejħu għal iktar għajnuna) u talb ieħor; diskussjonijiet u informazzjoni; qari; mużika u varjetà. Ovvjament l-oġġettiv prinċipali jibqa' li, waqt li ninfurmaw u niddevertu, ngħallmu u niffurmaw! Allura nieħdu gost, mhux biss bi "prosit tal-programm" u "ma nitilfu qatt", imma iktar b'kull suġġeriment u kritika. Għax l-agħar periklu hu li taħseb li ma fadallekx x'ittejjeb jew li ma hemm xejn ġdid x'tipprova.

Il-bidu kien artiġjanali għall-aħħar (l-ewwel programm li rrekordjat kellna saħansitra nirrepetuh mill-ġdid);



illum ftit ftit akkwistajna apparat biex il-livell ta' servizz jaqdi l-bżonnijiet (u x-xewqat) tas-semmiegħa - anki li nxandru minn inħawi oħra. U ma ninsewx li llum niġu *streamed* fuq l-Internet, b'sodisfazzjon għall-emigranti (li ġie li wasslu programmi tagħna fuq radjijiet tagħhom!)

Dan l-infieq jiddependi fuq għotjiet (anki somom qawwija) u ġbir. Frank u Maria Schembri, li f'idejhom hemm il-*fundraising*, jagħmlu sforzi kbar ukoll biex jiġbru riklami (u mhux esklużi kumpaniji Maltin). Allura anki dawn id-ditti għandna nuru l-apprezzament tagħna lejhom!

Ir-ringrazzjament tal-kommunità (u allura ta' l-organi tal-parroċċa u ta' Mons Arċipriet, li qatt ma fellaq fis-sapport tiegħu) tixtered fost il-gzuz li jagħtu sehemhom, li tagħhom l-erbgħa li semmejt huma eżemplari. Nilqgħu l-appelli u nsegwu l-iskedi li jitqassmu mal-Bullettin (anki hawn jidħlu l-ispejjeż!).

Barra li nirrepeti tħeġġiġa ta' Mons Isqof li dawk kollha ta' rieda tajba għandhom jipparteċipaw u jwieżnu dan il-mezz qawwi ta' l-apostolat, nagħlaq b'mistoqsija li għadu ħadd ma għaraf iweġibni: "Għaliex maġġuranza tal-parroċċi Għawdxin ħassew il-bżonn li jidħlu għal dan l-impenn qawwi li jarmaw radju kommunitarju?"

**Antoine Vassallo**